**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Nicholas Vella**

Kaz Numru: 796/2013

Illum 25 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nicholas Vella ta' 27 sena, iben Emanuel u Rose Mary nee' Farrugia, imwieled Pieta' nhar it-18 ta' April 1986 residenti 49, The Chimes, Triq Patri A. Tonna Barthet, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita' b'numru 181486(M) talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Lulju 2013 ghall-habta ta' 04:00pm minn gewwa l-lukanda Corinthia San Gorg, San Giljan u/jew mill-vicinanzi:

Ikkommetta serq ta' handbag li kien fih mobile phone tal-ghamla Samsung u Euro 15 fi flus kontanti ghad-dannu ta' Revital Binyamin liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Akkuzat aktar talli kiser kundizzjoni li maghmilx reat iehor fi zmien tlett snin moghti nhar il-5 ta' Ottubru 2012 mill-Magistrat Dr A. Demicoli LL.D

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-hati bhala recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur u li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata u li huwa recediv.

Mill-atti jirrizulta li fit-28 ta' Lulju, 2013, il-Pulizija irceviet rapport ta' serq ta' handbag mil-lukanda Corinthia San Gorg li kien jappartjeni lil turista li kienet qeghda tirrisjedi f'dak iz-zmien f'dik il-lukanda.

Mix-xhieda prodotti jirrizulta li fid-data msemmija kien insteraq handbag b'xi oggetti fih appartenenti lil certu Revital Benjamin fl-area tal-*pool*. Id-derubata ma xehditx f'dawn il-proceduri ghaliex lahqet telqet minn pajjizna, madankollu gie ezebit ir-rapport tal-akkadut li gie debitament konfermat bil-gurament mill-ufficjal li hejjieh. Oltre' dan, diversi xhieda xehdu li dan il-handbag kien insteraq tant li eventwalment instab fl-art. L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri izda rrilaxxja stqarrija. Huwa cahad li kien huwa li seraq u l-versjoni moghtija minnu kienet li huwa kien fil-lukanda mal-familja tieghu u li ra wiehed mill-pool boys li kien gharfu u li f'xi zmien kellu xi jghid mieghu u kien ghalhekk li telaq jigri biex ma jinqalax inkwiet. Id-difiza fit-trattazzjoni issottomettiet li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-valur u inkwantu ghal persuna li kkomettiet ir-reat ma ngabitx il-prova diretta li kien l-imputat – hekk per ezempju, ma ngabux il-persuna li ndikat lil Jason Scerri (pool boy) li kien hemm individwu li seraq u lanqas ingabu s-securities tal-lukanda Radisson li hadu lura lill-imputat mil-lukanda Radisson ghal-lukanda Corinthia.

Illi ghalhekk jehtieg li jigu ezaminati l-provi prodotti. Jason Scerri[1] xehed li fid-data msemmija huwa kien fil-lido u marret mara fuqu u

[1] Pool boy fil-lukanda Corinthia

qaltlu li xi hadd seraq. Dak il-hin informa lil John Saliba kif ukoll lill-manager Louis Saliba bl-akkadut. John Saliba mar jigri wara l-individwu li gie indikat lilhom. Anki x-xhud Scerri lahaq lil John Saiba u meta waslu hdejn ir-Radisson, Saliba qal lil Scerri li l-individwu kien qabez ir-Radisson. Scerri gharaf lill-imputat bhala l-persuna li l-ewwel rah jimxi u imbaghad kif John Saliba mar warajh beda jigri ghalkemm jixhed li huwa ma ra xejn f'idejn l-imputat.

John Saliba xehed li dakinhar waqt li kien hdejn il-cash, il-*pool boy* qallu li ragel li kien qieghed jigri qalulu li seraq handbag u marru jigru warajh. X'hin din il-persuna wasal in-naha bejn ir-Radisson u l-hotel li tieghu huwa impjegat huwa xehed li *x'hin ra li m'ghandux minn fejn jizgicca qabez il-bahar u tela' mis-sellum li ghandhom ir-Radisson u dahal gor-Radisson.* Ix-xhud flimkien ma' Scerri marru r-Radisson dak il-hin stess u hargu s-securities tar-Radisson. Il-persuna gie avvicinat minnhom u waqaf. Ix-xhud qal ukoll li waqt li kien qieghed jigri wara ragel – li huwa gharaf bhala li kien l-imputat – li kellu handbag f'idu.

Il-handbag gie eventwalment ritornat bl-oggetti fih lil kienu jappartjenu.

Illi din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-persuna li seraq il-handbag kien proprju l-imputat. Kuntrarjament ghal dak sottomess waqt it-trattazzjoni finali tezisti prova direttissima li tindika li kien proprju l-imputat li seraq il-handbag u dan billi John Saliba nnifsu jixhed li ra lill-imputat jigri bil-handbag f'idu. Inoltre' apparti dan, l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputta fl-istqarrija rilaxxjata minnu u cioe' li huwa kien fil-lukanda ma' familtu u telaq jigri minhabba l-pool boy mhix wahda kredibbli. L-uniku raguni ghalfejn l-imputat telaq jigri kienet ghaliex huwa kien ghadu kif seraq il-handbag tat-turista billi poggih f'xugaman. Hekk kif kienu qeghdin jigru warajh, huwa telaq ix-xugaman u l-handbag. Infatti Luigi Saliba, manager, jixhed li turist mil-lukanda Marina Corinthia ghaddilhom ix-xugaman u l-basket billi l-imputat telaq kollox minn idejh huwa u jahrab.

Illi stabilit dan, jehtieg li jigi ezaminat jekk l-aggravju tal-valur giex ippruvat. Mill-provi jirrizulta li fil-handbag, id-derubata kellha €15 fi flus kontanti u mowbajl Samsung 2. Fir-rapport ezebit tnizzel li l-mowbajl jiswa' €600. Biss pero' la ngabu dettalji tat-tip ta' mowbajl u

wisq anqas tal-valur. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-aggravju tal-valur ma giex ippruvat. Ghalhekk l-imputat se jinstab hati ta' serq semplici.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni giet ezebita vera kopja fotostatika tas-sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru, 2012. Il-konnotati fis-sentenza ezebita u dawk tal-imputat odjern huma identici. Ghalhekk din it-tieni imputazzjoni tinsab ukoll ippruvata.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva gie ippruvat mill-prosekuzzjoni biss li l-imputat huwa recediv a tenur tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tqis in-natura tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat xellef difrejh mal-gustizzja diversi drabi. Madankollu tqis li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva anki ghaliex huwa evidenti mill-fedina penali li l-kazijiet li kellu l-imputat huma relatati mal-uzu tad-droga.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' serq semplici kif ukoll hati tal-imputazzjoni l-ohra u l-addebitu tar-recediva biss inkwantu ghall-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2)millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Billi ma ssibx lill-imputat hati tal-aggravju tal-valur qeghda tilliberah minnu.

Inoltre' taghzel li ma titrattax mal-imputat ghal ksur tal-liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jsegwix l-ordnijiet moghtija minnu mill-ufficjal tal-probation.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat